# It-Titular tal-Parroċċa Tagħna u Dak Tal-Bażilika ta' San Bartilmew f'Ruma

Waħda mill-Bażiliki ta' Ruma hija ddedikata lil San Bartilmew. Din tinsab fil-qalba ta' Ruma, fuq il-gżira Tibertina fix-xmara Tevere. Fil-bidu din kienet tempju ruman ddedikat lil alla Aesculapius, alla tas-saħħa. Madwar is-sena 1000 wk ir-re Otto III bena Knisja fuq l-istess post u ddedikha lill-ħabib kbir tiegħu San Adelberth tal-Bohamia. Iżda fis-sena 1160 wk din kienet diġa' tissejjaħ il-Knisja ta' San Bartilmew għax fiha kienu nġabu r-relikwi ta' dan il-qaddis mill-Katidral ta' Benevento mir-re Otto II. Meta l-Kardinal Anton Giulio Santoro laħaq it-titular ta' din il-Bażilika fl-1517, dan irranġa l-presbiterju. Hu ġabar ir-relikwi ta' San Bartilmew ġo banju ruman ta' l-ewwel seklu, tal-porfi jiġifieri rħam aħmar bil-kristalli fih u għattieh bi rħama bajda biex isir l-altar maġġur tal-Bażilika. Wara dan l-altar hemm pittura tal-martirju ta' San Bartilmew impenġija minn Francesco Manno fl-1806. Kważi mitt sena wara Giuseppe Calì pinġa l-kwadru tal-Martirju ta' San Bartilmew tal-parroċċa tagħna u nistgħu ngħidu li kien ħa bħala mudell dan il-kwadru ta' Francesco Manno.
Giuseppe Calì twieled fil-Belt Valletta fl-14 ta' Awissu 1846 minn Raffelle Calì u Giovanna Padigerone, it-tnejn minn Napli. Huwa studja l-pittura f'Napli u għalhekk il-pittura tiegħu hi ta' stil Naplitan. Francesco Manno hu pittur sqalli minn Palermo. Ma nistgħaġbux għalhekk li Calì ħa bħala mudell il-kwadru ta' Francesco Manno biex pinġa dak tal-parroċċa tagħna.
It-taqsim taż-żewġ kwadri hu kważi l-istess għalkemm xi personaġġi mhumiex fl-istess post fiż-żewġ kwadri u fil-kwadru ta' Calì hemm personaġġ inqas minn dak ta' Manno. Il-figura prinċipali, l-appostlu San Bartilmew jinsab fin-nofs tal-kwadru u qiegħed fl-istess pożizzjoni bil-qiegħda u b'idejh 'il fuq marbutin ma' pilastru ta' l-injam oħxon. Ta' min jinnota li waqt li Francesco Manno uża l-kulur abjad għall-mantell ta' San Bartilmew, Callì pingieh aħmar, kulur id-demm. Il-qassis armen li qiegħed donnu jinsolenta l-qaddis, jinsab fuq ix-xellug fiż-żewġ kwadri u liebes l-istess iżda b'kuluri differenti. Il-manigold li qiegħed iqaxxar lil San Bartilmew, Calì poġġieh fil-lemin biex aktar ipoġġi lill-qaddis fiċ-ċentru tal-kwadru. Dawn ukoll jixxiebħu għax it-tnejn minn qaddhom 'il fuq hu għeri. Iżda fil-waqt li dak ta' Manno qed narawh minn quddiem, dak ta' Calì qed narawh minn wara. Fil-kwadru ta' Manno hemm żewġ personaġġi oħra li donnhom qed jgħinu lil Manigold waqt li f'dak ta' Calì hemm wieħed biss. Fiż-żewġ kwadri fuq nett fix-xellug hemm żewġ anġli iżda waqt li f'dak ta' Manno insibu wieħed minnhom kbir, f'dak ta' Calì it-tnejn huma żgħar u fit-tnejn naraw wieħed mill-anġli iżomm palma f'idu. L-isfond tal-kwadru jixtiebaħ ħafna wkoll u fl-art it-tnejn għandhom sikkina impinġija. Dettal żgħir, ħolqa tal-ħadid insibuha fiż-żewġ kwadri. Iżda Calì użaha biex pinġa l-qaddis marbut magħha. Iż-żewġ kwadri huma ffirmati mill-pitturi rispettivi tagħhom u jġibu data ta' meta ġew impenġija. Dak ta' Manno fl-1806 u dak ta' Calì fl-1902.
Meta wieħed josserva sewwa x-xogħol atistiku fiz-żewġ kwadri, ma jistax ma jinnotax il-ħila taż-żewġ pitturi f'dak li hi pittura tal-ġisem uman Din l-iktar li tidher fil-figura ta' San Bartilmew. Iżda wieħed jinnota wkoll il-ħila ta' Calì fit-taqsim tal-kwadru tal-parroċċa tagħna u fil-kuluri qawwija tiegħu u li jagħmluh aktar artistiku. Il-kulur aħmar tal-mantell ta' l-appostlu ifakkrek fil-kulur aħmar li juża l-Caravaggio fil-kwadru tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann. Fil-kwadru tal-Calì il-figura l-aktar importanti ta' San Bartilmew hija aktar iċċentrata billi l-manigold poġġieh lejn il-lemin, fil-waqt li Manno pinġa l-manigold u lil San Bartilmew fejn xulxin fin-nofs tal-kwadru tiegħu. B'hekk is-suġġett tal-pittura l-martirju ta' San Bartilmew hu aktar ippreżentat tajjeb fil-kwadru ta' Calì. Barra dan, iż-żewġ personaġġi fil-

lemin tal-kwadru ta' Manno qishom barra mis-suġġett għax mhumiex iħarsu lejn il-qaddis, iżda fil-kwadru ta' Calì, il-personaġġi kollha jħarsu lejn San Bartilmew. Hemm kuntrast ieħor fil-kuluri taż-żewġ kwadri. Il-kwadru ta' Manno hu mpenġi b'kuluri ftit mitfija waqt li ta' Calì b'kuluri skuri. Hemm tliet kuluri skuri fil-kwadru ta' Calì li jiġbdulek l-attenzjoni. Dawn huma l-aħmar skur tal-mantell ta' l-appostlu, l-aħdar skur tal-manigold u blu skur ta' dak li qed iżomm il-ħabel li bih hu marbut San Bartilmew.
Fl-aħħarnett l-espressjonijiet ta' l-uċuħ fil-kwadru ta' Calì jidhru aktar rejali. Dan jista' jkun għax Calì, kif kienu jgħidu l-antiki, kien sab irġiel mir-raħal tagħna biex ippużawlu biex ipenġihom fil-kwadru tiegħu.

**Julian Bezzina**



**Il-Martirju ta' San Bartilmew**
**Giuseppe Calì 1902**



**Il-Martirju ta' San Bartilmew**
**Frangesco Manno 1806**